ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 27/07 - Il-Ħamis 13 ta' Novembru 2014 fis-18:00pm**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | *Wasal fis-18:30pm* |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Wasal fis-18:50pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *PAUL J. PACE* | *EKS SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

**AĠENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji
    - *Skeda ta' Pagamenti*
    - *Quarterly Financial Report*
4. Berġa fi Triq Santa Marija
5. Bandli Ġnien Joanne
6. Laqgħa Pubblika
7. Rapport mill-Kunsillieri
8. Ħwejjeġ Oħra
9. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i. Il-Minuti tal-Laqgħa 26/07 tal-Ġimgħa 10 ta' Ottubru 2014 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mill-Eks Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

i. Is-Sindku s-Sur Joseph Abela qal li ltaqa' mas-sidien kif ukoll ma' min għamel ix-xogħol f'Misraħ tas-Suq Sq Nru 2 u kkonferma li dan ix-xogħol sar bis-sengħa. Misraħ Tas-Suq Nru 2

ii I-Eks Seg. Eżek. is-Sur Paul Pace kkonferma li nkitbu u ntbgħatu l-ittri kemm lill-Kuntrattur Vella Group dwar il-bilanċ pendenti fil-kont għal xogħol ta' *major patching* fi Triq Santa Marija, sabiex jinfurmah bid-deċiżjoni tal-Kunsill kif ukoll lill-Perit tal-Kunsill sabiex jemenda l-kont tiegħu relatat ma' dan ix-xogħol. Is-Sur Pace spjega li għal dawn iż-żewġ ittri kien għad ma kellniex risposti. Major Patching – Triq Santa marija

ii.i L-Eks Seg. Eżek. kkonferma li ċċekja l-Garanziji Bankarji relatati ma' Vella Group u kkonferma li dan il-kuntrattur għandu kollox in order. Garanizji bankarji – Vella Group

ii.ii Il-Viċi Sindku s-Sur Paul Farrugia staqsa allura kif fl-Iskeda ta' Pagamenti mibgħuta lilhom ma hemmx id-dettalji kollha mniżżla bħal per eżempju n-numru tal-invoices? Is-Seg. Eżek. is-Sinj. Antonella Galea spjegat li dan ma setgħax jitniżżel għall-fatt li Vella Group kien qed jibgħat l-invoices wara li l-Kunsill kien qed jagħtih pagament u jiddathom skond id-data taċ-ċekk li jirċievi.

ii.iii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia rrimarka li fl-aħħar laqgħat kien sar qbil unanimu li ma jsir ebda pagament jekk ma jkunx hemm id-dokumentazzjoni kollha hekk kif titlob il-liġi. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-Viċi Sindku.

ii.iv Is-Sindku qal li huwa veru li l-Kunsill kien qabel unanimament li jsir hekk pero dan il-Kuntrattur għandu sistema diifferenti. Il-Viċi Sindku qal li l-Liġi Finanzjarja hija ċarissima u din trid tkun applikata ma' kulħadd xorta. Is-Seg. Eżek. A. Galea spjegat li l-Kunsill qatt ma rċieva kont sħiħ tax-xogħlijiet li saru. Infatti fl-Accounts tal-Kunsill daħlu bħala kontijiet iċ-Ċertifikazzjonijiet kollha li għamel il-Perit tal-Kunsill għal kull biċċa xogħol li Vella Group għamel fir-rigward ta' xogħol relatat mal-PPP. Hija kompliet tispjega li saħansitra ftit tal-jiem qabel din il-laqgħa tal-lum waslu l-Kunsill kopji ta' invoices datati Gunju, Lulju, Awwissu u Settembru u dawn ikopru l-pagamenti ta' kull xahar li l-Kunsill kien għamel fl-istess xhur imsemmija. Dawn l-invoices ġew ittimbrati bid-data li effettivament waslu u mhux skond id-dati tal-invoices.

ii.v Il-Viċi Sindku qal li jidher ċar li l-Kunsill sal-lum dejjem ħallas fuq iċ-Ċertifikazzjonijiet tal-Perit u mhux skond il-fattura tal-Kuntrattur. Huwa kompla jispjega li jekk fl-Accounts tal-Kunsill iddaħħlu d-dettalji taċ-certifkazzjonijiet tal-Perit dan kien għaliex l-invoices tal-Kuntrattur ma kellniex u/jew intbgħatu tard, allura l-Kunsill qiegħed jikser il-Financial Regulations.

ii.vi Il-Viċi Sindku staqsa lil Eks Seg. Eżek. jekk il-Kunsill għandux konferma mill-kumpaniji GO u WSC x'ammonti tħallsu lill-Vella Group vis-a-vi x-xogħlijiet li saru? L-Eks Seg. Eżek. qal li hu ser jieħu ħsieb jiċċekkja ma' dawn l-Entitajiet jekk u x'pagamenti saru.

ii.vii Il-Viċi Sindku talab ukoll nivverifkaw mal-Accountant tal-Kunsill jekk id-dettalji mniżżla fit-tabella ppreparata minnu li kienet ġiet mgħoddija lill-Kunsill fil-laqgħa ta' Ottubru hijiex maqsuma għax-xogħol li sar fl-2012 u fl-2013 separatament. U dan għal fatt li l-Kunsill irid iħallas b'rati differenti maqsuma fuq 8 snin. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qabel li tintalab din il-verifika. L-Eks Seg. Eżek. Paul Pace qal li ser jivverifika huwa personalment mal-Accountant tal-Kunsill.

ii.viii Is-Sindku ssuġġerixxa li tintbgħat ittra lill-Vella Grupp fejn jiġi mgħarraf bin-nuqqasijiet li għandu u qabel ma jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu l-Kunsill mhux ser jaffettwa aktar pagamenti. Issuġġerrixxa wkoll li l-aħjar li ssir laqgħa sabiex jiġi spjegat lilu sew kif irid jirranġa. Ikun aħjar jekk għal din il-laqgħa jkun prezzenti miegħu min jieħu ħsieb l-Accounts tal-Kumpanija Vella Group Ltd. Il-Kunsill qabel unanimament.

ii.ix Il-Viċi Sindku qal li kif titlob il-Liġi Finanzjarja m'għandu jsir ebda ħlas jekk il-Kuntrattur jew Supplier ma joħroġx Invoice u/jew Request For Payment u/jew riċevutia fiskali. Ma dan skond il-każ għandu dejjem ikun hemm iċ-Ċertifikazzjoni tal-Perit. Ladarba imbagħad isir il-ħlas il-Kuntrattur u/jew is-Supplier għandu dejjem joħroġ riċevuta. Dan għandu jgħodd għal kull kuntrattur u/jew supplier u mhux fil-każ ta' Vella Group biss. Dan kollu kien diġa ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti. Il-Kunsillieri Lawrence Bonavia u Frans Agius qablu u kkonfermaw.

iii. Rigward il-Live Streaming, is-Seg. Eżek. A. Galea nfurmat lill-Kunsill li l-Laqgħa kienet qed tkun live Streamed. Live Streaming

iv. Rigward il-kont ta' l-użu tar-roller, il-Viċi Sindku staqsa kif bqajna u dan għall-fatt li dan il-Kuntrattur l-ewwel qal li dan ir-roller kien ser joffrijulna b'xejn, imbagħad bil-ġurnata u fl-aħħar skond l-iStatement jidher li żammilna €1,485. Huwa stqarr li dan l-aġir mhux ser jaċċettah. F'dan il-każ kien hemm qbil unanimu li qabel ma Vella Group jibgħat l-Invoices kollha u l-fiscal receipts kollha skond il-pagamenti li dan il-Kunsill għamel, m'għandniex nipproċedu b'pagament ieħor. Kiri ta' roller

iv.i Il-Kunsillier Frans Agius qal li ladarba dan l-istess kuntrattur qed jiċċarġja lill-Kunsill, allura suppost li għal dan ix-xogħol il-Kunsill ġab kwotazzjonijiet peress li mhemmx kuntratt għal dan it-tip ta' xogħol. L-Eks Seg. Eżek. P. Pace qal li ma ngabux kwotazzjonijiet għall-fatt li l-Kuntattur Vella Grupp kien offrilna dan is-servizz b'xejn.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kuntrattur Vella Grupp jrid joħroġ invoice globali għal xogħol li sar fl-2012 fuq il-kuntratt tal-PPP, joħroġ Invoice globali oħra għal xogħol li sar fl-2013 fuq l-istess kuntratt tal-PPP, kif ukoll joħroġ invoices separati għal kull biċċa xogħol li saret taħt il-kuntratt tar-Resurfacing. Sar suġġeriment li dan kollu, apparti li jiġi spjegat lill-Kuntrattur Vella Group bil-miktub, nistgħu nissuġġerulu li ssir laqgħa miegħu u mal-Awdituri tiegħu sabiex jiġi spjegat kollox verbalment ukoll.

iv.iv Il-Viċi Sindku staqsa jekk dwar dan it-tfaddil ta' €10,000 fix-xahar li maħsub li jinbeda s-sena d-dieħla wara li jitħallsu s-€27,487 dovuti lill-Kuntrattur għall-PPP kienx infurmat l-Accountant tal-Kunsill? L-Eks Seg. Eżek. P. Pace qal li tkellem miegħu u nfurmah b'mod verbali. Tfaddil għal toroq

Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa u l-Kunsillier Keith Darmanin issekonda li jinfetaħ kont bankarju ieħor sabiex dan it-tfaddil isir f'dan il-kont. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan is-suġġeriment.

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fis-18:50pm.*

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-compactor inkera bil-ħaddiem b'kollox u intuża bejn it-8:00am u s-13:00pm. Dan inġieb jumejn jiġifieri l-kont ser ikun €400 bil-VAT inkluż. Kiri ta' Compactor

vi. Il-Viċi Sindku fir-rwol tiegħu ta' President tar-Reġjun Xlokk, irringrazzja lill-Kunsill tas-self tal-projector waqt laqgħa li saret mill-Board Valletta 2018. Projector

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-projector użat ma' kienx dak tal-Kunsill imma ġie misluf mit-TCTC u dan għall fatt li l-projector tal-Kunsill ma nstab imkien. Is-Seg. Eżek. qal li dan irid jinstab għaliex huwa wieħed mill-assi tal-Kunsill.

vii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ħadd 23 ta' Novembru 2014 bejn is-13:00pm u s-18:00pm Festa Ħelu

ser tiġi organizzata Festa Ħelu. Għal din l-attivita' ser tinħadem id-dar ta' Hansel & Gretel taċ-ċikkulata bl-istruttura tal-injam maħduma minn Martin Woodworks u l-ħelu minn Dolceria Primavera li ser tkun inawgurata mill-Eċċellenċa Tagħha l-President ta' Malta s-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca. Madwar din id-Dar ser jinħadem kejk li ser jinqasam f'porzjonijiet li kull porzjoni ser tinbiegħ u l-flus miġbura ser imorru bħala donazzjoni għall-Community Chest Fund. Għal din l-attivita ser jintramaw stands u kiosks tal-ikel u affarijiet relatati mal-Milied. Il-Viċi Sindku staqsa jekk dawn il-gabbani ser ikunux bi ħlas u seħaq l-importanza li kull permess ikun in regola mal-liġi. Is-Sindku wieġeb li kull gabbana, stand u/jew kiosk ser jkollu l-permess tal-Kunsill. Filwaqt li fil-każ tal-Għaqdiet, dawn il-permessi ser ikunu ssussidjati. L-Eks Seg. Eżek. qal li importanti li jkun hemm uniformita'.

viii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ħadd 16 ta' Novembru 2014 ser ikun hemm il-Pussess tal-Kappillan. Fl-16:30pm ser jitlaq Korteo u l-Kunsill mistieden jimxi mal-Kappillan f'dan il-Korteo. Pussess tal-Kappillan

vix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Lejla ta' Nominazzjonijiet ser tiġi posposta għall-Diċembru 2014. Huwa ssuġġerixxa li titqassam karta f'kull residenza ġewwa Ħal Tarxien fejn fiha jkun hemm indikat in-Nominazzjonijiet kollha filwaqt li l-applikazzjonijiet jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Lejla ta' Nominazzjonijiet

Il-Kunsill qabel unanimament.

x. Rigward l-Armar tat-Toroq għal żmien il-Milied, is-Sindku nforma lill-Kunsill li tkellem ma xi membri tal-Għaqdiet involuti u kellu battibekki kbar. Is-Sindku qal li deher qisu li issa għax hemm hu Sindku ser jwaqqaf ħesrem lill-Għaqdiet milli jkomplu jagħmlu t-tiżjin huma bħas-snin preċedenti. Huwa kompla jispjega li meta pprova jiġbor kwotazzjonijiet kif maqbul fil-laqgħat preċedenti tal-Kunsill sab li bejn wieħed u ieħor l-ispejjeż ser ikunu l-istess daqs il-flus li kien iħallas il-Kunsill lill-Għaqdiet pero bid-differenza li wieħed ser nikruh u l-ieħor ikun tagħna. Armar tat-Toroq għall Żmien il-Milied

x.i Il-Viċi Sindku qal li meta l-Kunsill ikun qabel fuq xi ħaġa ma tistax taqbad u tinbidel deċiżjoni kif ġieb u laħaq. Il-Kunsillier Ishmael Dalli qabel ma' dak li qal il-Viċi Sindku. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal inkella biex tinbidel id-deċiżjoni li kien ħa l-Kunsill trid issir Mozzjoni ta' Rixendiment u tintbgħat lill-Kunsillieri ħmistax il-ġurnata qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

x.ii Is-Sindku qal li hu kien qed jissuġġerixxi li, nħallu lill-istess għaqdiet jarmaw pero nnaqsu t-tiżjin sabiex nillimitaw l-ispejjeż.

x.iii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li bħal fil-każ ta' Misraħ tas-Suq Sqaq Nru 2 li għad trid issir Mozzjoni ta' Rixendiment sabiex tinbidel d-deċiżjoni oriġinali, hekk ukoll irid isir f'dan il-każ u fil-każ issir Laqgħa Straordinarja. Il-Viċi Sindku qal li ma jaqbilx li f'dan il-każ għandha titressaq Mozzjoni ta' Rixendiment u ssir Laqgħa Straordinarja.

x.iv Il-Kunsillier Frans Agius qal li għall-Kunsill Lokali minħabba l-*commitments* li għandna din is-sena, għalina huwa iktar vijabbli li nixtru t-tiżjin u jkun tagħna. Il-Kunsill qabel unanimament li jżomm mad-deċiżjoni oriġinali u li l-Budget għal dawn it-tiżjin m'għandux ikun iktar minn €1000. Imbagħad fis-snin li ġejjin il-Kunsill jiddeċiedi skond iċ-ċirkostanzi.

*Il-Kunsillier Keith Darmanin irtira mill-Laqgħa fis-19:30pm*

## 3 Affarijiet Finanzjarji

- ***Quarterly Financial Report***

l-Eks Seg. Eżek is-Sur Paul Pace talab lill-Kunsill sospensjoni tal-Agenda sabiex jiġi diskuss il-Quarterly Financial Report peress li kellu jirtira mil-laqgħa minħabba impenji oħra. Il-Kunsill approva u ġie diskuss dan ir-rapport.

i. L-Eks Seg. Eżek. Paul Pace ta spjegazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena, kif ippreparat mill-Accountant tal-Kunsill. Dan ir-Rapport jindika li kien hemm titjieb fil-qagħda finanzjarja. Dan ir-Rapport ġie ffirmat minnu bħala s-Seg. Eżek. għal dak il-perjodu kif ukoll mis-Sindku.

L-Eks Seg. Eżek. Paul Pace irtira mil-laqgħa fit-19:45pm. Il-Kunsill rringrazzja lis-Sur Pace tas-Servizz tiegħu.

Il-Kunsill kompla b'item 2 fuq l-Agenda .

xi. Il-Viċi Sindku qal li nnota li qed isir tindif f'proprjeta privata fosthom diġa sar xi tindif fil-garaxxijiet fi Triq Leonardu Abela, sar fil-garaxxijiet fi Triq Kurunell Mas u issa qiegħed isir l-istess fi Triq Ġużeppi Montebello. Huwa kompla jispjega li skond l-opinjoni tiegħu ma jafx kemm il-Kunsill qiegħed in line meta qiegħed jagħmel dan it-tindif fi proprjeta privata. It-tieni punt li tiegħu xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill huwa li għal dan it-tindif qed jintużaw il-ħaddiema li l-Kunsill għandu assenjati miegħu taħt l-iskema tal-Community Work. Huwa staqsa lis-Seg. Eżek. jekk f'każ li xi ħadd minn dawn il-ħaddiema jweġġa humiex koperti bl-insurance tal-Kunsill? Il-Seg. Eżek. wieġeb li dawn mhumiex koperti bl-insurance. Is-Sindku wieġeb lill-Viċi Sindku li fil-Leġislatura preċedenti dawn l-istess ħaddiema saħansitra kienu jagħmlu anke xogħol ta' kostruzzjoni ta' bankini. Il-Kunsillier Ishmael Dalli qal li dan ix-xogħol huwa taħt il-parametri tal-Kunsill. Is-Sindku qal li dawn in-nies xogħolhom huwa knis u qtugħ ta' ħaxix ħażin allura huwa ma jara xejn ħażin li dawn jagħmlu dan ix-xogħol f'area u mhux oħra. Il-Viċi Sindku wieġeb li l-ħaddiema tal-Community Work Scheme jingħataw skond it-talba tal-Kunsill. Dan bħal fil-każ tas-Sur Clinton Galea li meta s-Sindku kien informa l-Kunsill li din il-persuna kienet ser tiġi assenjata mal-Kunsill ta' Ħal Tarxien u xogħlu kien ser ikun ġewwa l-Uffiċċju tal-Kunsill bħal pereżempju tqassim ta' boroż ħodor tar-riċiklaġġ, issa rriżulta li din il-persuna mhix qed tagħti servizz ġewwa l-uffiċċju u minflok it-tqassim tal-boroż ħodor qed isir minn missier is-Sindku. Is-Sindku wieġeb lill-Viċi Sindku li s-Sur Clinton Galea qed jagħmel xogħol ieħor fuq barra u missieru ġie volontarjament iqassam il-boroż. Tindif fi Plots Privati

xi.i Is-Sindku qal li saħansitra rċevejna emails mingħand id-Dipartiment dwar dan it-tindif ta' dawn il-plots. Il-Viċi Sindku talab kopja ta' din l-email. Is-Sindku ppreżenta kopja tal-email. Il-Viċi Sindku rrimarka li minflokk is-Sindku bgħat risposta li dan it-tindif ma jaqax taħt ir-responsabbilta tal-Kunsill peress li s-sit huwa privat minflok il-Kunsill qabad u naddaf. Is-Sindku qal li ma jara xejn ħażin li l-Kunsill inaddaf ladarba mhumiex isiru spejjeż għaliex dan it-tindif qed isir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill u l-iskips qed jinġiebu b'xejn mingħand il-Cleansing Department. Il-Viċi Sindku rrimarka li l-Kunsill huwa Gvern Lokali u l-fondi joħorġu mill-Gvern Ċentrali allura meta l-Kunsill għandu assenjati miegħu ħaddiema taħt l-iSkema ta' Xogħol fil-Komunita kif ukoll ħaddiema mill-IPSL dawn il-ħaddiema qegħdin kollha jitħallsu minn flus il-poplu.

xi.ii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li teknikament il-Kunsill Lokali mhuwiex joħroġ fondi sabiex isir dan it-tindif għalkemm huwa fatt li dawn il-fondi fl-aħħar mill-aħħar ġejjin mit-taxxi ta' kullħadd, pero jekk il-Kunsill jista' jqabbad lil dawn il-ħaddiema jagħmlu xogħol għal ġid tar-raħal jaqbel li jsir.

xi.iii Il-Kunsillier Frans Agius issuġġerixxa li nitolbu lill-ETC jekk dawn il-persuni humiex inxurjati immaterjali x'ikunu qed jagħmlu. Il-Kunsill qabel li jsir hekk.

xii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-lista tar-residenti tal-area ta' fejn l-iskola qegħda għand il-Pulizija sabiex jevalwahom ladarba jkunu lesti ser jinħarġu l-passess.

xiii. Is-Seg. Eżek. informa lill-Kunsill li għas-sejħa interna li kellna ma applika ħadd u għalhekk trid issir sejħa lill-ETC. Apparti minnhekk issa li l-kariga tagħha ġiet uffiċċjali, d-Dipt. nformana li l-kariga tas-Seg. Eżek. ser tkun fuq bażi back to back u l-Kunsill qed jingħata l-fakulta li joħroġ sejħa oħra għal impjegat fuq bażi back to back ukoll. Il-Kunsill qabel unanimamentt li għalissa nipproċedu bis-sejħa għall-skrivana fuq skala 15 imbagħad il-

quddiem ladarba l-finanzi tal-Kunsill ikunu iktar fis-sod, tinħareġ sejħa interna għall-skrivana fuq skala 13.

xiv. Rigward il-Full Audit is-Seg. Eżek qrat it-tweġiba mibgħuta mid-Direttur Gvern Lokali. Fejn f'din l-email ġie indikat li ma jarax għaliex għandu jsir Audit għas-snin ta' qabel. Madankollu jekk hemm xi issues li wieħed għandu jiġbed l-attenzjoni fuqhom, jissuġġerixxi li meta jkun hemm l-awditur, jinġibdu l-attenzjoni dwarhom. Full Audit

xiv.i Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li s-Seg. Eżek. idur daqxejn l-affarijiet bħal tenders u bank guarantees u pagamenti u jekk tixtieq li tiġbed l-attenzjoni dwarhom tirraporta fil-laqgħa li jmiss. Apparti minnhekk huwa qed jissuġġerixxi wkoll li jekk hemm il-possiblita nitolbu lill-NAO sabiex meta jsir l-Audit għas-sena 2014 dawn l-istess Awdituri jidħlu daqxejn iktar fil-fond. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dawn iż-żewġ suġġerimenti.

xv. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li rċevejna email minn Community Worker li tieħu ħsieb il-LEAP Project fi ħdan il-Ministeru għas-Servizzi Soċjali fejn qalet li kellha laqgħa ma' Mr El Sadi l-Imam tal-Komunita Islamika Maltija, fejn dan wera x-xewqa li jgħinuh isib *premises* akbar sabiex ikollu fejn jiġbor l-affarijiet li jingħatawlu biex jitqassmu lill-persuni fil-bżonn. Peress li waqt laqgħa li hija stess kellha ma' dan il-Kunsill kienet issemmiet li l-Kunsill kellu l-istess ħsieb tal-Imam li joħloq Ċentru fejn fih jiġbor affarijiet li jkunu jistgħu jingħataw lill-persuni fil-bżonn, qed tara jistax isir xi ħaġa konġunta bejn il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien u l-Imam. Ċentru Għajnuna Soċjali

Il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa mal-Imam u jiddiskutu dan il-każ.

xvi. Is-Seg. Eżek. qalet li r-Reġjun Xlokk bgħat email sabiex tikkonferma liema huma dawk il-Kunsilli Lokali li ser jidħlu għat-tender għat-tiswijiet tad-dawl tat-toroq. Il-Kunsill reġa għal darb'oħra kkonferma li ser jidħol għal din it-Tender taħt ir-Reġjun Xlokk. Tender għat-tiswijiet tad-dawl tat-toroq

xvii. Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li rċevejna email mingħand min qed jieħu ħsieb il-bdil tal-ID cards fejn dawn qed jitolbu l-assistenza tal-Kunsill Lokali biex jitqassmu bieb bieb ittri ta' notifika lir-residenti Tarxiniżi. Tqassim ta' ittri ta' notifika dwar ID Cards

xvii.i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li biex dawn l-ittri jqassamhom il-Kunsill l-ispiża tkun madwar €45 tal-Posta.

xvii.ii Wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament li nistaqsu lill-IDMO x'jiġri f'każ li l-Kunsill ma jieħux l-inkarigu li jqassam dawn l-ittri. Madanakollu f'każ li l-ittri ma jkunux ser jitqassmu allura l-Kunsill jaqbel li jħallas madwar €45 posta sabiex ir-residenti jkunu nfurmati.

xviii. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li ġiet approvat Loading/Unloading Bay biswiet il-Knisja Parrokkjali, f'Misraħ tas-Suq k/m Triq Paola Loading/Unloading Bay

xviv. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-Bank Guarantee tal-10% tar-Retention Money tal-Proġett ERDF 213 "Sustainable Tourism in A Village of Culture & Heritage", issa li għaddiet sena, il-valur tnaqqas bin-nofs u minn €27,013.55 ġiet €13,506.78. Bank Guarantee ERDF

xvv. Is-Seg. Eżek. Infurmat lill-Kunsill li l-fondi disponibbli fuq il-UIF issa telgħu għal €1,928.67. UIF

xvvi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għall-Festa Ħelu ser jinġiebu xi gazebos, picnic benches u planters. Għal dawn irid jitħallas depożitu ta' €890.00 li jingħata lura ladarba l-affarijiet jiġu rritornati lill-Ministeru. Depożitu ta' €890

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir dan id-depożitu.

## 3 Affarijiet Finanzjarji

Skeda ta' Pagamenti

- ***Skeda ta' pagamenti***

xvv. Il-Kunsill approva unanimament li jitħallsu l-fatturi kollha fuq l-Iskeda ta' Pagamenti Nru19/07 fejn ġiet iffirmata mis-Sindku, minn żewġ Kunsillieri kif ukoll mis-Seg. Eżek. dejjem bil-proviso ta' dak li ġie diskuss iktar qabel.

## 4 Berġa fi Triq Santa Marija

Berġa

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li tal-Primary Health Care ġew jagħmlu spezzjoni fil-Berġa sabiex jaraw x'titjib jista' jsir. Is-Sindku ġabar kwotazzjonijiet għax-xogħol kollu mitlub minnhom u ser jgħaddijomlhom. Jekk dawn il-kwotazzjonijiet jiġu milqugħa jkun jista jinbeda x-xogħol li l-ispejjeż ser ikunu rifużi kompletament.

Il-Kunsill qabel unanimament

## 5 Bandli Ġnien Joanne

Bandli Ġnien Joanne

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-bandli li hemm fi Ġnien Joanne jinħtieġilhom manutenzjoni kbira. F'dan il-każ ikun iktar għaqli li parti mill-istruttura tinbidel kompletament. L-ispiża involuta hija relattivament kbira u tlaħħaq għal madwar €11,000.

i.i Is-Sindku kompla jispjega li huwa leħaq ftehim mal-Kuntrattur, li miegħu kellna t-tender, li jekk il-Kunsill jaqbel, ix-xogħol isir biċċa biċċa u ta' kull biċċa xogħol tinħareġ fattura separata u dan dejjem skond il-finanzi tal-Kunsill.

i.ii Il-Viċi Sindku staqsa jekk it-Tender ma' dan il-Kuntrattur hiex skaduta jew le. Is-Seg. Eżek. wieġbet li għad trid tara għaliex l-Eks Seg. Eżek kellu jiġi ġurnata l-Kunsill sabiex jagħlaq il-pendenzi li kien hemm fi żmienu.

i.iii Il-Kunsill qabel unanimament li fil-każ li din it-tender in partikolari mhix skaduta nistgħu mmexxu bix-xiri biċċa biċċa u installazzjoni tal-istruttura.

i.iv Wara li saret diskussjoni l-Kunsill unanimament iddeċieda li s-Seg. Eżek. il-ġdid jiċċekja t-tenders kollha u tirraporta f'laqgħa oħra li jmiss.

i.v Il-Viċi Sindku staqsa lis-Seg. Eżek. għaliex parti mis-suffett tal-uffiċċju tagħha huwa nieqes? Wara li ġie spjegat x'kien ġara, il-viċi Sindku staqsa kif ser nipproċedu? Is-Seg. Eżek. wieġbet li wara li kienet għamlet kuntatt mal-Insurance Broker, irriżulta li l-Kunsill ma kienx ġedded l-insurance u għalhekk il-perjodu in kwistjoni meta ġara l-każ ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Issa f'dan il-każ il-Kunsill irid jirranġa personalment mas-sidien tal-appartament ta' fuq il-Kunsill sabiex jagħmlu tajjeb għal-ħsara li saret.

i.vi Il-Kunsillier Frans Agius talab lis-Seg. Eżek. A. Galea sabiex tirreġistra li s-Seg. Eżek. huwa fl-obbligu li jinforma lill-Kunsill qabel ma tender tiskadi sabiex il-Kunsill jipproċedi bit-tiġdid jew ħruġ ta' Tender ġdida u talab sabiex issa li bdejna paġna ġdida din is-sistema tibda tinżamm. Is-Seg. Eżek. wieġbet li ser tieħu ħsieb li sa laqgħa oħra li jmiss tipprepara dan ir-rapport ukoll.

## 6 Laqgħa Pubblika

Laqgħa Pubblika

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Laqgħa Pubblika għal din is-sena għad ma saritx. Ġie deċiż li niċċekkjaw mal-Liġi kemm ġranet qabel ma ssir trid tinforma lill-pubbliku u nirrapurtaw lura lill-Kunsillieri permezz ta' email dwar dan.

## 7 Rapport tal-Kunsilliera

*Rapport mill-Viċi Sindku Paul Farrugia* Bye Law

i. Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li l-Kunsill jitlob li tinħareġ Bye Law fejn tirregolarizza d-dħul u l-ħruġ tal-flus għall-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li jintalbu linji gwida.

*Rapport mill-Kunsillier Lawrence Bonavia*

i. Il-Kunsillier L. Bonavia nforma lill-Kunsill li ser jingħataw t-tilqima kontra l-influwenza u li ser jagħtija hu u li hemm madwar 250 persuna.

*Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli*

i. Is-Sur Dalli qal li aktarx nhar is-6 ta' Diċembru 2014 ser tkun organizzata għal darb'oħra l-attivita' tar-Riċiklar tat-tessuti bejn id-9.00am u nofsinhar quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Riċiklar tat-Tessuti

ii. Il-Kunsillier I. Dalli ssuġerixxa li tibda tinżamm ġurnata u forsi anke żmien meta ssir il-laqgħa tal-Kunsill. U dan sabiex il-Kunsillieri ma jkollhomx problemi sabiex jattendu għal-laqgħat. Il-Kunsillier Frans Agius ssekonda dan is-suġġeriment. Laqgħat tal-Kunsill

Il-Kunsill unanimament qabel li mis-sena d-dieħla kemm jista' jkun tibda tinżamm ġurnata u perjodu fiss għal-laqgħat tal-kunsill.

*Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella*

i. Is-Sinjura D. Vella qalet li kemm l-attivita li kellhom ġewwa il-Bird Park kif ukoll il-Coffee morning ta' dalgħodu ġewwa Dar Nazareth , għat-tnejn li huma attendew numru sostanzjali ta' nies.

ii. Is-sinj. Vella qalet li għall-20 ta' Novembru hemm ippjanat ħarġa oħra fi stabbiliment ir-Rabat Malta.

Il-Kunsill qabel li tiġi organizzata din il-ħarġa.

## 8 <u>Ħwejjeġ Oħra</u>

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq talba tal-istaff u minħabba l-esiġenza tax-xogħol qed jissuġġerixxi li l-ħinijiet għal-pubbliku jibdew ikunu mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8:00am u t-15:00pm bla waqfen u s-Sibt bejn it-8:00am u l-11:00am.

Il-Kunsill qabel li ssir dejjem sakemm inkunu in line u l-pubbliku jkun moqdi.

## 9 <u>Għeluq tal-Laqgħa</u>

i Il-laqgħa ntemmet fid-20:50pm.

ii Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 10 ta' Diċembru 2014 fis-6.00pm

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**